

IR-REPUBBLIKA TA' FRANZA

Il-Ministeru għat-Tranżizzjoni
Ekoloġika u l-Koeżjoni Territorjali

Digriet Nru dwar l-indiċi tas-sostenibbiltà ta' tagħmir elettriku u elettroniku

NOR:

Udjenza fil-mira: il-produtturi, l-importaturi, id-distributuri jew fornituri oħra ta' tagħmir elettriku u elettroniku, il-bejjieġha ta' dan it-tagħmir, u dawk li jużaw sit web, pjattaforma jew kwalunkwe mezz ta' distribuzzjoni online ieħor bħala parti mill-attività kummerċjali tagħhom fi Franza.

Suġġett: ir-regoli ta' implimentazzjoni tal-indiċi tas-sostenibbiltà ddefinit fl-Artikolu L. 541-9-2 tal-Kodiċi Ambjentali.

Dħul fis-seħħ: it-test jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024.

Avviż: dan id-Digriet jiddefinixxi r-regoli ta' implimentazzjoni tal-Artikolu L. 541-9-2 tal-Kodiċi Ambjentali, li jipprevedi l-introduzzjoni ta' indiċi tas-sostenibbiltà għal ċerti kategoriji ta' tagħmir elettriku u elettroniku. Għandu jispeċifika b'mod partikolari l-kriterji u l-parametri tal-kalkolu użat biex jiġi stabbilit dan l-indiċi, kif ukoll il-qafas ġenerali tal-obbligi relatati mal-komunikazzjoni u l-wiri tiegħu.

Referenzi: dan id-Digriet jista' jiġi kkonsultat fuq is-sit web ta' Légifrance (<http://www.legifrance.gouv.fr>).

Il-Prim Ministru,

Fuq ir-rapport tal-Ministru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u l-Koeżjoni Territorjali u l-Ministru għall-Ekonomija, il-Finanzi u s-Sovranità Industrijali u Diġitali;

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi, kif emendata;

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika;

Wara li kkunsidrat il-Kodiċi Ambjentali, b'mod partikolari l-Artikoli L. 5410-9-2 u L. 541-9-4 tiegħu fil-formulazzjoni tagħhom li tirriżulta mill-Artikoli 16 u 29 tal-Liġi Nru 2020-105 tal-10 ta' Frar 2020 dwar il-ġlieda kontra l-iskart u l-ekonomija ċirkolari;

Wara li kkunsidrat in-notifika lill-Kummissjoni Ewropea datata;

Wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet li saru matul il-konsultazzjoni pubblika li saret bejn ... u ..., skont l-Artikolu L. 123-19-1 tal-Kodiċi Ambjentali;

Wara li kkonsultat lill-Kunsill tal-Istat (it-Taqsima tax-Xogħlijiet Pubbliċi),

Tordna:

Artikolu 1

Fit-Titolu IV tal-Ktieb V tal-Kapitolu I tat-Taqsima 9 tal-Parti Regulatorja tal-Kodiċi Ambjentali, tiżdied subtaqsima 5 kif ġej:

“Wiri tal-Indiċi tas-Sostenibbiltà

“Artikolu R 541-233- L-indiċi tas-sostenibbiltà previst fl-Artikolu L. 541-9-2 jikkonsisti f’waħda minn għaxar marki maħsuba biex jinġiebu għall-attenzjoni tal-konsumaturi fil-mument li jixtru tagħmir ġdid.

“Għal kull kategorija ta’ tagħmir koperta mill-ordni tal-Ministri għall-Ambjent u l-Ekonomija, u adottata skont dan l-Artikolu, l-indiċi tas-sostenibbiltà għandu jissostitwixxi l-indiċi tat-tiswija previst fl-I tal-Artikolu R. 541–210, mid-dħul fis-seħħ tal-indiċi tas-sostenibbiltà għall-kategorija tat-tagħmir ikkonċernat.

“Dan l-indiċi huwa relatat ma’ kull wieħed mill-mudelli ta’ dan it-tagħmir.

“Artikolu R 541-234.- Għall-finijiet ta’ din is-subtaqsima, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

“1. “Tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq”: kull provvista, matul attività kummerċjali, ta’ tagħmir maħsub għad-distribuzzjoni jew l-użu fis-suq nazzjonali, kemm bi ħlas kif ukoll mingħajr ħlas;

“2. “Tqegħid fis-suq”: l-ewwel darba li t-tagħmir isir disponibbli fis-suq nazzjonali;

“3. “Produttur”: kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura t-tagħmir jew li tara li dan jiġi ddisinjat u kkummerċjalizzat f’isimha jew taħt id-ditta tagħha;

“4. “Importatur”: kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tqiegħed tagħmir fis-suq nazzjonali mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew minn pajjiżi terzi;

“5. “Distributtur”: kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fil-katina tal-provvista, minbarra l-produttur jew l-importatur, li toffri tagħmir għall-bejgħ fis-suq domestiku;

“6. “Bejjiegħ”: kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li, matul attività kummerċjali, tagħmel disponibbli fis-suq it-tagħmir permezz tal-bejgħ, inkluż mill-bogħod, lill-konsumaturi;

“7. “Bejgħ mill-bogħod”: kuntratt konkluż mill-bogħod bejn bejjiegħ professjonali u konsumatur, fil-kuntest ta’ sistema ta’ bejgħ organizzat, mingħajr il-preżenza fiżika simultanja tal-professjonist u l-konsumatur, bl-użu esklużiv ta’ teknika waħda jew aktar ta’ komunikazzjoni mill-bogħod sakemm jiġi konkluż il-kuntratt;

“8. “Mudell”: verżjoni ta’ biċċa tagħmir, li l-unitajiet kollha tagħha għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi rilevanti għall-finijiet tal-kalkolu tal-indiċi tas-sostenibbiltà.

“Artikolu R. 541-235.

“I.- Il-produttori jew l-importaturi għandhom jistabbilixxu, għat-tagħmir li jqiegħdu fis-suq, l-indiċi tas-sostenibbiltà u l-parametri li permezz tagħhom jista’ jiġi stabbilit f’konformità mal-proċeduri speċifikati mill-ordni.

“II.- Il-produttori jew l-importaturi għandhom jikkomunikaw f’format elettroniku u mingħajr ħlas lid-distributori jew lill-bejjiegħa fil-mument tal-elenkar u tal-kunsinna tat-tagħmir, għal kull mudell ta’ tagħmir imqiegħed fis-suq:

“a) l-indiċi tas-sostenibbiltà f’konformità mat-termini u s-sinjali previsti skont l-ordni.

“b) it-tabella li fiha d-dettalji tal-punteġġ tal-indiċi tas-sostenibbiltà, f’konformità mal-format previst skont l-ordni.

“III.- Meta ma jkunx l-istess persuna bħall-bejjiegħ, id-distributur għandu jikkomunika mingħajr ħlas taħt l-istess kundizzjonijiet imsemmija f’(a) u (b) l-indiċi u t-tabella tad-dettalji bil-punteġġ tagħhom lill-bejjiegħ fil-mument tal-ejenkar u l-kunsinna tat-tagħmir elettriku u elettroniku.

“IV.- L-indiċi jista’ barra minn hekk jitwaħħal direttament ma’ kull tagħmir jew mal-imballaġġ permezz ta’ tikkettar jew immarkar, filwaqt li jiġu osservati s-sinjali preskritti mill-ordni.

“V.- L-informazzjoni msemmija f’II għandha tkun disponibbli għall-pubbliku b’mod elettroniku u kkomunikata mingħajr ħlas mill-produtturi jew l-importaturi, fi żmien 5 ijiem tax-xogħol, lil kwalunkwe persuna li titlobha għal perjodu ta’ mill-inqas sentejn wara li l-aħħar unità ta’ mudell ta’ tagħmir tkun tqiegħdet fis-suq.

“Artikolu R. 541-236. - L-aċċess ċentralizzat għall-parametri għall-istabbiliment tal-indiċi tas-sostenibbiltà għandu jiġi stabbilit mill-awtorità amministrattiva.

“Għal kull kategorija ta’ tagħmir koperta mid-digriet tal-Ministri għall-Ambjent u l-Ekonomija, l-indiċi tas-sostenibbiltà u l-parametri użati biex jiġi stabbilit, minbarra dawk użati għall-kalkolu tal-kriterju dwar il-prezz tal-ispare parts, għandhom ikunu data aċċessibbli fuq bażi miftuħa għall-utenti kollha f’kundizzjonijiet mhux diskriminatorji.

“Din id-data għandha tinkludi wkoll informazzjoni dwar l-identifikazzjoni tal-mudelli tat-tagħmir ikkonċernati u l-modalitajiet tal-kalkolu.

“Din id-data għandha ssir pubblika, taħt ir-responsabbiltà tal-produttur jew l-importatur imsemmi fl-Artikolu R. 541-235, skont it-termini tal-liċenzja miftuħa għall-użu mill-ġdid ta’ informazzjoni pubblika msemmija fl-Artikolu D. 323-2-1 tal-Kodiċi dwar ir-Relazzjonijiet Pubbliċi, li tippermetti l-użu mill-ġdid liberu ta’ tali data. Għal mudell, jekk il-kalkolu tal-punteġġ tal-indiċi tas-sostenibbiltà jiġi aġġornat, din id-data għandha tiġi aġġornata, f’perjodu ta’ mhux aktar minn xahar wara dak l-aġġornament, taħt il-kundizzjonijiet deskritti hawn fuq.

“Artioklu R. 541-237.

“I.- Meta t-tagħmir jiġi offrut għall-bejgħ fil-ħwienet, il-bejjiegħ għandu juri bil-mod u bis-sinjali pprovduti skont l-ordni, l-indiċi tas-sostenibbiltà pprovdut mill-produttur jew mill-importatur, b’mod viżibbli, fuq kull tagħmir offrut għall-bejgħ, jew fil-viċinanza immedjata.

“II.- Meta t-tagħmir jiġi offrut għall-bejgħ mill-bogħod, il-bejjiegħ juri l-indiċi tas-sostenibbiltà b’mod viżibbli fil-preżentazzjoni tat-tagħmir u fuq il-paġni web kollha li jippermettu x-xiri tat-tagħmir, qrib il-prezz tiegħu, bil-mod u s-sinjali previsti minn ordni.

“III.- Il-bejjiegħ għandu jagħmel disponibbli wkoll lill-konsumaturi t-tabella tad-dettalji tal-punteġġ tal-indiċi tas-sostenibbiltà tat-tagħmir, permezz ta’ kwalunkwe proċess xieraq. Meta t-tagħmir jiġi offrut għall-bejgħ fil-ħanut, it-tabella tad-dettalji tal-punteġġ tal-indiċi tas-sostenibbiltà għandha tkun aċċessibbli fuq l-ixkaffa. Fuq talba tal-klijent, għandha tinħareġ kopja fuq karta jew f’format elettroniku, skont l-għażla tal-klijent. Meta t-tagħmir jiġi offrut għall-bejgħ online, it-tabella tad-dettalji tal-punteġġ tal-indiċi tas-sostenibbiltà għandha tkun aċċessibbli direttament mill-istess paġni web fejn jintwera l-indiċi tas-sostenibbiltà.

“Artioklu R. 541-238.

“I.- L-indiċi tas-sostenibbiltà għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-parametri li ġejjin:

“a) Punteġġ minn għaxra relatat mal-kapaċità ta’ tiswija tat-tagħmir;

“b) Punteġġ minn għaxra relatat mal-affidabbiltà tat-tagħmir;

“c) Fejn xieraq, punteġġ minn għaxra relatati mal-aġġornamenti tas-software u tal-hardware tat-tagħmir;

“L-indiċi tas-sostenibbiltà għandu jinkiseb mill-punteġġi msemmija f’(a), (b) u (c) f’konformità mal-proċeduri stabbiliti skont l-ordni u għandu jiġi espress bħala punteġġ wieħed fuq skala minn 1 sa 10.

“II -. Għal kull kategorija ta’ tagħmir kopert, ordni mill-Ministri għall-Ambjent u l-Ekonomija għandha tispeċifika l-kriterji u s-subkriterji kollha inklużi l-kriterji speċifiċi għall-kategorija u l-metodi ta’ kalkolu tal-indiċi.

Artikolu 2

Id-dispożizzjonijiet ta’ dan id-Digriet għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2024.

Artikolu 3

Il-Ministru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u l-Koeżjoni Territorjali, il-Ministru għall-Ekonomija, il-Finanzi u s-Sovranità Industrijali u Diġitali u s-Segretarju tal-Istat għall-Ekoloġija huma kull wieħed responsabbli għall-applikazzjoni ta’ dan id-Digriet, li se jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali* tar-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi

Mill-Prim Ministru:

Elisabeth BORNE

Il-Ministru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u l-Koeżjoni Territorjali,

Christophe BECHU

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Finanzi u s-Sovranità Industrijali u Diġitali,

Bruno LE MAIRE

Is-Segretarju tal-Istat għall-Ministru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u l-Koeżjoni Territorjali responsabbli għall-Ekoloġija,

Bérangère COUILLARD